MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 45/2015

Lucia **IKBARH**, ġja xebba Cassar, f'isem Omar Ali Younis Ikbarh, assenti, u Youssef Ali Ikbarh

vs

**ID-DIRETTUR TAĊ-ĊITTADINANZA U *EXPATRIATE AFFAIRS***

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-19 ta' Jannar, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li l-Qorti ssib li ċ-ċaħda min-naħa tad-Direttur imħarrek li jagħraf lill-atturi bħala ċittadini ta' Malta minn twelidhom hija nulla, invalida u mingħajr effett minħabba li din iċ-ċaħda u

l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita' pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti, u jmur mod ieħor kontra l-liġi. Talbu wkoll l-ispejjeż;
Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Jannar, 2015, li bih ordnat in-notifika lid-Direttur imħarrek u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mid-Direttur imħarrek fit-13 ta' Frar, 2015, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-mertu tal-istess azzjoni kien eżawrit minħabba li l-atturi tqiesu bħala ċittadini ta' Malta b'seħħ mill-5 ta' Frar, 2015, u għalhekk il-kawża għandha titħassar mil-listi; u li l-atturi naqsu milli jgħidu x'inhi l-bażi legali tal-azzjoni mibdija minnhom. Fil-mertu, laqa' billi qal li huwa dejjem mexa sewwa kif titlob il-liġi u fil-limiti tas-setgħat li tagħtih il-liġi. Temm jgħid li l-jedd tal-atturi li jitolbu għarfien bħala ċittadini ta' Malta tnissel minn bidliet li ddaħħlu fl-Att dwar iċ-Ċittadinanza (Kap 188) u b'riħet dawk it-tibdiliet, daħlu eluf ta' talbiet bħal dik tal-atturi li bilfors iridu jieħdu ż-żmien tagħhom biex ikunu proċessati bl-eżami tad-dokumentazzjoni kollha li titlob il-liġi. It-talbiet tal-atturi setgħu jitqiesu biss meta dawn ressqu d-dokumentazzjoni meħtieġa u mhux qabel;

Rat in-Nota mressqa mill-avukat tal-atturi waqt is-smigħ tat-18 ta' Frar, 2015[1], li biha ċediet l-atti tal-kawża dwar it-talbiet kollha tagħhom, iżda żammew sħaħ il-pretensjonijiet tagħhom dwar il-kap tal-ispejjeż;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukat tad-Direttur imħarrek;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Frar, 2015, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attriċi hija omm żewġ ulied miż-żwieġ tagħha ma' persuna mhix maltija. Huma talbu li jingħataw iċ-ċittadinanza ta' Malta imma jgħidu li ntalbu jistennew madwar sentejn minn dakinhar li ressqu t-talba. Huma jqisu li d-dewmien fl-għoti ta' ċ-

[1] Paġ. 20 tal-proċess

ċittadinanza bħala rifjut tat-talba tagħhom, u għalhekk iridu li l-Qorti tistħarreġ l-egħmil amministrattiv tad-Direttur imħarrek bħala wieħed illegali, null, u bla effett għall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Illi minħabba li t-talba tal-atturi ntlaqgħet formalment nhar il-5 ta' Frar, 2015[2], u ngħataw iċ-ċittadinanza maltija b'seħħ minn dakinhar, l-atturi iddikjaraw li ma kellhomx iżjed interess fil-mertu tat-talba waħdanija tagħhom. B'hekk, fl-ewwel smigħ tal-kawża huma ċedew il-kawża fil-mertu dwar it-talba tagħhom minħabba, imma żammew sħiħa l-pretensjoni tagħhom dwar il-kap tal-ispejjeż;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar il-kap tal-ispejjeż;

Illi mill-<u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attriċi żżewġet lil wieħed Ali Younis Ikbarh li għandu ċittadinanza libjana. L-attur Omar Ali Younis Ikbarh twieled mill-imsemmi żwieġ fl-4 ta' Diċembru, 1981[3], filwaqt li l-attur Youssef Ali Ikbarh twieled fit-8 ta' Ġunju, 1985[4];

Illi f'xi żmien li ma jirriżultax mill-atti tal-kawża, tressqet talba mad-Dipartiment biex l-atturi jingħataw iċ-ċittadinanza ta' Malta fuq is-saħħa taċ-ċittadinanza maltija ta' l-attriċi ommhom taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5(2)(a) tal-Kap 188;

Illi minħabba li t-talba tagħhom ma kenitx għadha ntlaqgħet, fit-30 ta' Ottubru, 2014, l-atturi interpellaw lid-Direttur imħarrek b'ittra uffiċjali;

Illi l-kawża nfetħet fid-19 ta' Jannar, 2015;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet legali</u> li jifdal li jsiru f'din il-kawża jitolbu d-deċiżjoni ta' din il-Qorti dwar min imissu jħallas l-ispejjeż tal-kawża;

Illi, bħala prinċipju, l-artikolu 906(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti l-jedd lil kull waħda mill-partijiet li, f'kull waqt tal-kawża sal-għoti tas-sentenza, tirrinunzja b'Nota għall-atti li hija tkun ressqet f'dik il-kawża. Il-liġi trid[5], madankollu, li meta jiġri hekk, il-parti li tirrinunzja għall-atti tħallas l-ispejjeż tal-kawża u ma tistax tibda kawża oħra dwar l-istess ħaġa qabel ma tkun ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra. Sakemm ir-rinunzja tkun waħda mingħajr kundizzjonijiet, il-parti l-oħra

[2] Dokti "AF1" u "AF2", f'paġġ. 16 – 7 tal-proċess
[3] Dok "A", f'paġ. 4 tal-proċess
[4] Dok "B", f'paġ. 5 tal-proċess
[5] Art. 907(2) tal-Kap 12

ma tistax tirrifjutaha[6]. Illi ċ-ċessjoni ta' kawża hija waħda mill-għamliet ta' rinunzja għall-atti[7], u tibda sseħħ hekk kif issir fil-forma li tippreskrivi l-liġi u, ladarba tkun saret, ma tistax titħassar jew tinġibed lura[8] minħabba li r-rinunzja toqtol – sal-limiti li fiha tkun saret – il-mixi 'l quddiem tal-proċess ġudizzjarju[9];

Illi, madankollu, ir-riżervi magħmula f'Nota ta' ċessjoni jew rinunzja (bħal, per eżempju, "biex l-esponenti jirregola ruħu aħjar" jew "bla preġudizzju għal kull azzjoni oħra spettanti lill-esponenti") ma jagħmlux tali rinunzja waħda kundizzjonata[10], u l-parti l-oħra ma tistax tirroftaha. Ingħad li r-"*ratio*" ta' dan l-ordinament magħżul mil-liġi tagħna hu li hekk kif jiddependi mill-attur jistitwix il-ġudizzju jew le, hekk ukoll minnu stess jiddependi jekk iridx ikomplih jew iwaqqafu f'kull waqt tal-kawża[11];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha l-atturi ċedew il-mertu, imma b'kundizzjoni. Żammew sħiħa l-pretensjoni tagħhom dwar il-kap tal-ispejjeż. Dan wassal lill-Qorti biex ikollha b'xi mod tqis iċ-ċirkostanzi li ssemmew aktar qabel biex tiddetermina jekk kemm-il darba l-eżawriment tal-kwestjoni fil-mertu iridx iwieġeb għalih id-Direttur imħarrek, jew jekk jgħoddx għalih il-prinċipju msemmi aktar qabel li min iċedi l-atti jrid iħallas ukoll l-ispejjeż;

Illi l-Qorti tqis li huwa minnu li d-Direttur imħarrek wettaq dak li l-attur talbu mingħandu, imma dan sar wara li l-atturi kien ilhom xi xhur li interpellawh uffiċjalment biex jilqa' t-talba tagħhom u wara li huma kienu saħansitra fetħu l-kawża. Il-kawża nfetħet wara li kienet intbagħtitilha interpellazzjoni ġudizzjarja mill-atturi u kien għadda ż-żmien imsemmi f'dak l-att ġudizzjarju. Fid-dawl tal-fatt li l-egħmil mitlub mid-Direttur imħarrek jitqies bħala wieħed amministrattiv, u fid-dawl ta' dak li trid il-liġi dwar in-nuqqas ta' lqugħ jew ċaħda espressa ta' talba bħal din, il-Qorti ma tlumx lill-atturi li kellhom jirrikorru għall-proċeduri fil-qorti biex jieħdu dak li, wara kollox, intwera li kellhom jedd għalih;

Illi l-Qorti tifhem li fid-Dipartiment immexxi mid-Direttur imħarrek jitressaq għadd kbir ta' talbiet bħal dawk tal-atturi, imma n-nuqqas ta' tweġiba għal talbiet bħal dawk ma jistax jitħalla jibqa' għaddej bla ma jġib miegħu t-tħassib ta' applikant dwar x'ser jiġri mit-talba tiegħu. In-nuqqas ta' tweġiba min-naħa tal-amministrazzjoni pubblika twassal għat-teħid ta' passi ġudizzjarji biex jinkiseb rimedju;

---

[6] Art. 908 tal-Kap 12
[7] P.A. RCP **28.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Sebastian Brincat et vs Antonio Mifsud et***
[8] P.A. AM **23.1.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Kummissarju tal-Artijiet vs Paul Apap noe*** (mhix pubblikata)
[9] P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***HSBC Bank (Malta) Limited vs Teg Industries Ltd.***
[10] App. Ċiv. **5.4.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Mirasole*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.137)**
[11] App. Ċiv. **8.5.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LI.i.584**)

Illi, fuq dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li d-Direttur imħarrek ma tax raġuni tajba għaliex ma għandux jitqies responsabbli għad-dewmien fl-għoti lill-atturi ta' tweġiba dwar it-talba tagħhom u li fil-fatt laqagħha biss wara li kienet inbdiet il-kawża.  Tifhem ukoll li kieku l-atturi ma fetħux il-kawża, x'aktarx li t-talba tagħhom għadha qiegħda tkun proċessata u li kien għaliex infetħet il-kawża li t-tmexxija tal-proċess tal-applikazzjoni tħaffef;

Illi fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti ssib li ngħatat raġunijiet biżżejjed biex tgħid li huwa d-Direttur imħarrek li għandu jerfa' l-piż tal-kap tal-ispejjeż tal-kawża;

Għal dan ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni** milli tqis aktar it-talba attriċi fil-mertu, fid-dawl tan-nota ta' ċessjoni mressqa minnhom fit-tmintax (18) ta' Frar, 2015; u

**Tordna li l-ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mid-Direttur imħarrek.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------